# KURZITA' U TRADIZZJONI

# fil-jiem tal-gigħa mqaddsa gewwa spanja.

*KURZITA':*

***X'HEMM MOHBI CUIDAD REAL LI FTIT JAFU BIH?***



**Gewwa Cuidad Real, hemm il-Kurcifiss maghruf bhala s-Santissimu Kristu Msallab tal-Hniena li l-fratellanza li ggib l-istess isem ghandha bhala titular taghha. Dan huwa xoghol ta' l-artist Castillo Lastrucci.**

**Dan il-Kristu għandu l-firma tal-iskultur tiegħu fuq dahru u ġewwa wahda mis-saqajn tiegħu għandu dokument bil-firma tal-iskultur u l-fratelli li kienu kkummissjonaw ix-xbieha.**

**Kurzita' ohra dwar dan il-Kurcifiss hija dwar leggenda li tghid li l-immagini ta' Kristu tal-Hniena kienet mahduma gewwa Seville u li kellhom jeskortawha barra 'l belt mghottija bil-lozor ghaliex is-sbuhija tax-xbieha kienet hekk tali, li n-nies ta' Sevilja rieduh ghalihom.**

## *TRADIZZJONI:*

### ***IL-LEGGENDA TA' KRISTU MARBUT MALL-KOLONNA***

**Din il-vara ta' Kristu marbut mal-Kolonna meqjuma bil-bosta gewwa Cadiz hija mlaqqma "Dak li jgib ix-Xita."**



Dan minhabba l-qawwa li ghandha biex iggib fi tmienha kull nixfa. Fis-sena 1850 tniehdet novena u fit-tieni jum bdiet niezla x-xita gewwa Cadiz, hekk li sahhet ir-reputazzjoni taghha li ggib ix-xita. Haga bhal din nisslet devozzjoni qawwija fid-devoti u bhal dawn iz-zminijiet id-devoti tieghu jizdiedu biex jitolbuh ghall-grazzji jew biex jirringrazzjawh.

U ma hux l-ewwel darba li l-immagini harget fi processjoni biex jintemmu periodi twal ta' nixfa.

Illum jghidulek li hija konincidenza, jew leggenda, jew superstizzjoni jew xejn, imma r-rettur tal-fratellanza, Juan Carlos Rincón jishaq, "Qatt ma tfalli, kull darba li nohorgu lis-Sinjur, dejjem ghamlet ix-xita." U jzid haga ohra; "U dan jigri meta npogguh fl-art."

## *TRADIZZJONI*

### *IL-PURCISSJONJI TA' L-GHID GEWWA ORIHUELA*

### IL-LAQGHA BEJN GESU U MARIJA

Fil-principju l-purcissjonijiet ta' l-Ghid f'kull lokalita' jixbhu lil xulxin: maniferstazzjoni bl-istatwa ta' l-Irxoxt li fiha l-istawa ta' Marija tiltaqa' ma' dik ta' Binha Rxoxtat mill-imwiet fost id-daqq tal-banda. Imma f'certi postijiet il-purcissjoni ta' l-Ghid Imqaddes tiehu dimensjoni ohra bit-tradizzjoni originali ta' dik il-belt.

ORIHUELA: F'din il-belt wara l-liturgija ta' bil-lejl, hekk kif tintemm, tibda' hierga l-purcissjoni ta' l-Ghid, li fiha jiehdu sehem bosta tfal u kbar lebsin kunfrattija bajda bix-xema f'idejhom, filwaqt li t-tfal jkollkom qniepen u bziezaq. Il-kleru wkoll jiehu sehem bil-blandun f'idejn ic-celebrant.




Fiha jipprocessjonaw tlett vari. L-ewwel wahda li tiehu sehem hija dik ta' l-anglu hdejn qabar vojt biex turi li Kristu qam tassew mill-Imwiet.



Tieni tipprocessa l-vara tad-Duluri.

Meta l-vara tad-Duluri tkun qorbot lejn dik ta’ Kristu Irxoxt din tieqaf u fratell jgholli tifla /tifel li tkun ntghazlet minn qabel biex din tnehhilha l-istallet biex ifisser li issa d-dulur mbidel f’ferh ghax qed tara lil Binha Rxoxt kollha glorja.



u fl-ahhar dik ta' Kristu rxoxt mill-Imwiet.

Hekk kif jitnehha l-istallet mill-vara, jintelqu numru ta' bziezaq ikkuluriti, bojod u blu u fratell itajjar hamiema bajda bhala sinjal ta' paci.

Il-vari jersqu lejn xulxin u hekk tkompli l-purcissjoni lura lejn il-knisja.









Aktar tard matul il-jum tohrog il-purcissjoni ufficjali, imsejha t-tamborada. Dawn huma numru ta'zaghzagh ihabbtu t-tambur kontinwament waqt li Kristu Rxoxt jingarr fuq l-ispalla matul it-toroq ta' Orihuela. Ghal dawn iz-zewg manifestazzjonijiet l-attendenza hija wahda numeruza.